MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2001

Avvi$Z Numru. 596/1998/1

**Avviz Nru:- 596/98**

**Alexander Bezzina**

**vs**

**Noel Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' erba' mija u hamsin liri Maltin (Lm450) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti spejjez u danni sofferti mill-attur kawza tal-incident stradali illi sehh fi Triq Wied Xkora, Siggiewi fil-5 ta' Ottubru 1997 bejn il-vettura tal-ghamla Lada bin-numru ta' registrazzjoni AAC-291, misjuqa mill-attur, u l-vettura ossija truck tal-ghamla Leyland bin-numru ta' registrazzjoni IAJ-521, minnu misjuq, ghal liema incident

stradali huwa unikament responsabbli minhabba traskuragni, imperizja, negligenza, sewqan eccessiv u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluzi dik tal-ittra legali u konsulti ammontanti ghas-somma ta’ ghoxrin lira Maltin (Lm20) u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kollizzjoni msemmija fl-Avviz m gratx tort ta’ l-ecipjent li m’ghandu l-ebda responsabbilta’ ghall-incident awtomobilistiku imsemmi;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, anke’ jekk il-konvenut kellu jinzamm responsabbli ghall-incident imsemmi, l-ammont mitlub mill-attur nomine huwa esagerat u ma jirrispekjax id-danni sofferti mill-attur nomine.

3. Salv eccezzjonijijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tat-23 ta’ Gunju 1999 fejn il-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni izda qed jikkontesta biss ir-responsabbilta’.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti, li jikkonsistu fix-xhieda u dokumenti pprezentati biss mill-attur, jirrizulta illi, waqt illi z-zewg vetturi misjuqa mill-kontendenti kienu qed jipprocedu fi Triq Wied Xkora s-Siggiewi fil-5 ta’ Ottubru 1997 u gej mid-direzzjoni opposta, irrealizzaw illi f’dik il-parti tat-triq fejn iltaqghu ma kienx hemm spazju bizzejjed biex iz-

zewg vetturi jghaddu minn hdejn xulxin u ghalhekk l-attur Alexander Bezzina ghamel manuvra biex huwa jidhol go dahla li sab fuq il-lemin tieghu biex jippermetti illi l-konvenut jibqa' ghaddej minn fuq in-naha tax-xellug tieghu.

Jirrizulta wkoll mill-isketch maghmul mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz illi effettivament l-attur kien dahal go dahla li kien hemm fuq il-lemin tieghu, izda rrizulta illi l-konvenut f'ebda mumenr ma naqqas il-velocita' tieghu, baqa' ghaddej, ma tax cans lill-attur biex jidhol ghal kollox u jhalli t-triq libera ghal kollox mill-vettura tieghu, b'rizultat illi laqat il-vettura ta' l-attur fuq wara.

Dawn ir-rizultanzi huma l-konsegwenza logika tal-manuvra kif deskritta mix-xhieda prodotti u ma jirrizulta ebda indizju li jista' jaghti xi htija lill-attur Alexander Bezzina.

Minn naha tieghu l-konvenut ghazel illi ma joffrix id-deposizzjoni tieghu u ma jipprezenta ebda prova in kontestazzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata;

Il-Qorti qeghda tilqa' t-talba attrici, tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tikkundannah sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' erba' mija u hamsin liri Maltin (Lm450) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Prevja li din il-Qorti qeghda tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

In oltre tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-imghax legali fuq is-somma ta' erba' mija u hamsin liri Maltin (Lm450) lill-attur b'effett mit-30 ta' Marzu 1998.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------